Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1518/2003**

tat-28 ta' Awissu 2003

iniżżel ir-regoli dettaljati biex jimplimenta s-sistema tal-liċenzi ta' esportazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal

(ĠU L 217, 29.8.2003, p. 35)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Commission Regulation (EC) No 130/2004 of 26 January 2004 (*)	L 19	14	27.1.2004
►M2	Commission Regulation (EC) No 1361/2004 of 28 July 2004 (*)	L 253	9	29.7.2004
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1713/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 312M	154	22.11.2008
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 557/2010 tal-24 ta' Ġunju 2010	L 159	13	25.6.2010

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1518/2003

tat-28 ta' Awissu 2003

iniżżel ir-regoli dettaljati biex jimplimenta s-sistema tal-liċenzi ta' esportazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq l-organizazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal ([1]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1365/2000 ([2]), u partikolarment l-Artikoli 8(2), 13(12) u 22 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1370/95 ta' 16 ta' Ġunju 1995 iniżżel ir-regoli dettaljati biex jimplimenta s-sistema tal-liċenzi ta' esportazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal ([3]) kien emendat konsiderevolment għal diversi drabi ([4]). Fl-interessi taċ-ċarezza u r-razzjonalità l-imsemmi Regolament għandu jkun ikkodifikat.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2759/75 jipprovdi li l-esportazzjonijiet kollha li għalihom ir-rifużjonijiet ta' esportazzjoni huma mitluba għandhom ikunu soġġetti għal preżentazzjoni tal-liċenza ta' esportazzjoni bl-arranġament bil-quddiem tar-rifużjoni. Għalhekk regoli speċifiċi ta' implimentazzjoni għandhom jkunu stabbiliti għas-settur tal-laħam tal-majjal li għandhom partikolarment jinkludu disposizzjonijiet għas-sottomissjoni ta' l-applikazzjonijiet u l-informazzjoni li għandha tidher fuq l-applikazzjonijiet u l-liċenzi, flimkien ma' dawk li jinsabu fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jniżżel regoli komuni u dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-liċenzi u l-arranġament bil-quddiem tal-liċenzi għal prodotti agrikoli ([5]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 325/2003 ([6]).

(3) Sabiex wieħed jassigura l-amministrazzjoni xierqa tas-sistema, ir-rata tal-garanzija għal-liċenzi ta' esportazzjoni taħt is-sistema imsemmija għandha tkun fissa. Minħabba fir-riskju ta' spekulazzjoni ġewwa s-sistema fis-settur tal-laħam tal-majjal, il-liċenzi ta' esportazzjoni ma għandhomx ikunu trasferibbli u kondizzjonijiet preċiżi li jirregolaw l-aċċess tal-kummerċjanti ġewwa din is-sistema għandhom ikunu stabbiliti.

(4) l-Artikolu 13(11) tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75 jipprovdi li l-konformità ma' l-obligazzjonijiet li joħorġu mill-ftehim konklużi matul ir-Ronda ta' l-Urugwaj ta' negozjati multilaterali tal-kummerċ dwar il-volum ta' esportazzjoni għandha tkun assigurata fuq il-bażi tal-liċenzi ta' esportazzjoni. Għalhekk skeda dettaljata għad-depożitu ta' l-applikazzjonijiet u għall-ħruġ tal-liċenzi għandha tkun stabbilita.

([1]) ĠU L 282, ta' l-1.1.1975, pġ. 1.
([2]) ĠU L 156, tad-29.6.2000, pġ. 5.
([3]) ĠU L 133, tas-17.6.1995, pġ. 9.
([4]) Ara l-Anness III.
([5]) ĠU L 152, ta' l-24.6.2000, pġ. 1.
([6]) ĠU L 47, tal-21.2.2003, pġ. 21.

▼B

(5) Barra dan, id-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal-liċenzi ta' l-esportazzjoni għandha tkun komunikata biss wara perjodu ta' konsiderazzjoni. Dan il-perjodu jippermetti lill-Kummissjoni biex tapprezza l-kwantitajiet li applikat għalihom kif ukoll l-infiq involut u, jekk addatat, tieħu miżuri speċifiċi li japplikaw partikolarment għall-applikazzjonijiet li huma pendenti. Huwa fl-interess tal-kummerċanti li jħallu l-applikazzjoni tal-liċenza tkun irtirata wara li jkun stabbilit l-aċċettazzjoni tal-ko-effiċjent.

(6) Fil-każ ta' applikazzjonijiet li jirrigwardaw kwantitajiet daqs jew inqas minn 25 tunnellata metrika, il-liċenza ta' esportazzjoni għandha tinħareġ immedjatament jekk il-kummerċjant jitlobha. F'dan il-każ, il-liċenzi ma jkunux soġġetti għal ebda miżuri speċjali meħudin mill-Kummissjoni.

(7) Sabiex wieħed jassikura t-tkomplija eżatta tal-kwantitajiet li għandhom jkunu esportati, deroga mir-regoli dwar it-toleranzi stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 1291/2000 għandha tkun stabbilita.

(8) Il-Kummissjoni għandha tiddisponi minn informazzjoni preċiza li tirrigwarda l-applikazzjonijiet għal-liċenzi u l-użu tal-liżenzi maħruġa, sabiex tkun tista' tamministra din is-sistema. Fl-interessi ta' amministrazzjoni effiċjenti, in-notifiki mill-Istati Membri għall-Kummissjoni għandhom isiru skond mudell uniformi.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija għal-Laħam tal-Majjal,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-esportazzjonijiet kollha tal-prodotti fis-settur tal-laħam tal-majjal li għalihom rifużjoni ta' esportazzjoni hija mitluba, għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta' esportazzjoni flimkien ma' l-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni.

Artikolu 2

1. Il-liċenzi ta' esportazzjoni għandhom ikunu validi għal 90 jum mid-data attwali tal-ħruġ fis-sens ta' l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000.

▼M1

However, for products falling within CN code 0203, export licences issued in February 2004 shall be valid only until the end of the second month following that of their issue and those issued in March 2004 shall be valid only until the end of the month following that of their issue.

▼B

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzi u l-liċenzi nfushom għandhom jkollhom imniżżla, fit-taqsima 15, id-deskrizzjoni tal-prodott u, fit-taqsima 16, il-kodiċi tal-prodott bi 12-il ċifra tan-nomenklatura tal-prodott agrikolu għall-ħlasijiet lura (rifondi) fuq l-esportazzjoni.

3. Il-kategoriji tal-prodotti riferiti fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, kif ukoll ir-rata tal-garanzija għal-liċenzi ta' esportazzjoni, huma mniżżla fl-Anness I.

▼B

4. L-applikazzjonijiet għal-liċenzi u l-liċenzi nfushom għandu jkollhom imniżżla, fit-taqsima 20, mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:

— Reglamento (CE) nº (…)

— Forordning (EF) nr. (…)

— Verordnung (EG) Nr. (…)

— Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. […]

— Regulation (EC) No (…)

— Règlement (CE) nº (…)

— Regolamento (CE) n. (…)

— Verordening (EG) nr. (…)

— Regulamento (CE) n.o (…)

— Asetus (EY) N:o (…)

— Förordning (EG) nr (…)

Artikolu 3

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzi ta' esportazzjoni jistgħu jkunu ddepożitati ma' l-awtoritajiet kompetenti mit-Tnejn sal-Ġimgħa ta' kull ġimgħa.

2. L-applikanti għal-liċenzi ta' esportazzjoni jridu jkunu persuni naturali jew legali li, malli jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet, ikunu kapaċi jippruvaw għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri illi jkunu ilhom imdaħħla fil-kummerċ fis-settur tal-laħam tal-majjal (porku, perżut u *bacon*) għal mill-inqas 12-il xahar. Iżda, l-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut jew ir-restoranti li jbigħu l-prodotti tagħhom lill-konsumaturi ta' l-aħħar jistgħu ma jiddepożitawx applikazzjonijiet.

3. Il-liċenzi ta' esportazzjoni jinħarġu nhar l-Erbgħa ta' wara l-perjodu taż-żmien riferit fil-paragrafu 1, basta iżda illi l-ebda waħda mill-miżuri partikolari riferiti fil-paragrafu 4 ma tkun ittieħdet minn dak in-nhar mill-Kummissjoni.

▼M2

4. Where the issue of export licences would or might result in the available budgetary amounts being exceeded or in the maximum quantities which may be exported with a refund being exhausted during the period concerned, in view of the limits referred to in Article 13(11) of Regulation (EEC) No 2759/75, or would not allow exports to continue during the remainder of the period, the Commission may:

(a) set an acceptance percentage for the quantities applied for;

(b) reject applications for which licences have not yet been granted;

(c) suspend lodging of licence applications for a maximum period of five working days, extendable by the procedure specified in Article 24(2) of Regulation (EEC) No 2759/75.

▼M2

In the circumstances referred to in point (c) of the first subparagraph, licence applications made during the suspension period shall be invalid.

The measures provided for in the first subparagraph may be implemented or modulated by category of product and by destination.

4a The measures provided for in paragraph 4 may also be adopted where export licence applications relate to quantities which exceed or might exceed the normal disposable quantities for one destination and issuing the licences requested would entail a risk of speculation, distortion of competition between operators, or disturbance of the trade concerned or the Community market.

▼B

5. Fejn il-kwantitajiet applikati għalihom ma jintlaqgħux jew jitnaqqsu, il-garanzija għandha tiġi rilaxxjata fil-pront għall-kwantitajiet kollha li għalihom applikazzjoni ma tkunx ġiet sodisfatta.

6. Minkejja il-paragrafu 3, fejn jitwaqqaf persentaġġ wieħed ta' aċċettazzjoni li huwa inqas minn 80 %, il-liċenza għandha tinħareġ sa mhux iktar tard mill-ħdax-il jum tax-xogħol wara l-pubblikazzjoni ta' dak il-persentaġġ fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Matul l-għaxart ijiem tax-xogħol wara l-pubblikazzjoni tiegħu, l-operatur jista':

(a) jew jirtira l-applikazzjoni, f'liema każ il-garanzjia hija rilaxxjata immedjatament; jew

(b) id-data tal-ħruġ normali għall-ġimgħa relevanti.

7. Bħala deroga minn paragrafu 3, il-Kummissjoni tista' twaqqaf ġurnata oħra differenti min-nhar l-Erbgħa biex jinħarġu l-liċenzi ta' esportazzjoni meta ma jkunx possibili li din id-data tkun rispettata.

Artikolu 4

1. Ma' l-applikazzjoni ta' l-operatur, applikazzjonijiet ta' liċenzi li ma jaqbżux il-25 tunnellata metrika ta' prodotti ma għandhomx ikunu soġġetti għal ebda miżuri speċjali kif riferit fl-Artikolu 3(4) u l-liċenzi applikati għalihom għandhom jinħarġu immedjatament.

▼M3

F'każijiet bħal dawn, irrispettivament mill-Artikolu 2(1), it-terminu ta' validità tal-liċenzji għandu jkun limitat għal ħamest ijiem tax-xogħol mill-jum attwali tal-ħruġ fit-tifsira tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 u t-Taqsima 20 tal-applikazzjonijiet għal liċenzja u ta' liċenzji għandha turi waħda mill-entrati elenkati fl-Anness Ia.

▼B

2. Il-Kummissjoni tista', fejn ikun neċessarju, tissospendi l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

▼B

Artikolu 5

Il-liċenzi ta' esportazzjoni ma għandhomx ikunu trasferibbli.

Artikolu 6

1. Il-kwantità esportata skond t-tolleranza riferita fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 ma għandhiex tagħti d-dritt ta' ħlas tar-rifużjoni.

2. Fit-taqsima 22 tal-liċenza, għandu jkun indikat mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:

— Restitución válida por (…) toneladas (cantidad por la que se expida el certificado)

— Restitutionen omfatter (…) t (den mængde, licensen vedrører)

— Erstattung gültig für… Tonnen (Menge, für welche die Lizenz ausgestellt wurde)

— Επιστροφή ισχύουσα για […] τόνους (ποσότητα για την οποία έχει εκδοθεί το πιστοποιητικό)

— Refund valid for … tonnes (quantity for which the licence is issued),

— Restitution valable pour… tonnes (quantité pour laquelle le certificat est délivré)

— Restituzione valida per (…) t (quantitativo per il quale il titolo è rilasciato)

— Restitutie geldig voor… ton (hoeveelheid waarvoor het certificaat wordt afgegeven)

— Restituição válida para… toneladas (quantidade relativamente à qual é emitido o certificado)

— Tuki on voimassa (…) tonnille (määrä, jolle todistus on myönnetty)

— Ger rätt till exportbidrag för (…) ton (den kvantitet för vilken licensen utfärdats)

Artikolu 7

1. ►**M4** Sal-Ġimgħa ta' kull ġimgħa, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-informazzjoni li ġejja: ◄

(a) l-applikazzjonijiet għal-liċenzi ta' esportazzjoni kif riferiti fl-Artikolu 1 depożitati mit-Tnejn sa l-Erbgħa ta' l-istess ġimgħa, waqt li jiddikjaraw jekk jaqawx ġewwa l-iskop ta' l-Artikolu 4 jew le;

(b) il-kwantitajiet koperti mill-liċenzi ta' esportazzjoni maħruġa l-Erbgħa ta' qabel, ma jinkludux dawk maħruġa immedjatament taħt l-Artikolu 4;

(ċ) il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet tal-liċenzi ta' esportazzjoni irtirati skond l-Artikolu 3(6) matul il-ġimgħa ta' qabel.

2. In-notifika ta' l-applikazzjonijiet riferita fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandha tispeċifika:

(a) il-kwantità skond il-piż tal-prodott għal kull kategorija riferita fl-Artikolu 2(3);

(b) tqassim skond id-destinazzjoni tal-kwantità għal kull kategorija fil-każ fejn ir-rata tar-rifużjoni tvarja skond id-destinazzjoni;

▼B

(ċ) ir-rata applikabbli tar-rifużjoni;

(d) l-ammont totali tar-rifużjoni stabbilit bil-quddiem f'ewro għal kull kategorija.

3. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni fuq kull xahar i wara l-iskadenza tal-validità tal-liċenzi ta' esportazzjoni l-kwantità mhux użata ta' liċenzi ta' esportazzjoni.

▼M4

4. In-notifiki msemmija f'dan ir-Regolament, inkluż notifiki "żero", għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 ([1]).

▼B

Artikolu 8

Ir-Regolament (KE) Nru 1370/95 huwa mħassar.

Ir-referenzi magħmula lil dan l-imsemmi Regolament imħassar għandhom ikunu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara li jkun ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3.

▼**M1**

ANNEX I

Product code of the agricultural product nomenclature for export refunds (1)	Category	Rate of the security (EUR/100 kg) Net weight
020 311 109 000 020 321 109 000	1	10
020 312 119 100 020 312 199 100 020 319 119 100 020 319 139 100 020 319 559 110 020 322 119 100 020 322 199 100 020 329 119 100 020 329 139 100 020 329 559 110	2	10
020 319 159 100 020 319 559 310 020 329 159 100	3	6
021 011 319 110 021 011 319 910	4	14
021 012 199 100	5	0
021 019 819 100	6	14
021 019 819 300	7	14
160 100 919 120	8	5
160 100 999 110	9	4
160 241 109 110	10	8
160 242 109 110	11	6
160 241 109 130 160 242 109 130 160 249 199 130	12	5

(1) Commission Regulation (EEC) No 3846/87 Section 6 (OJ L 366, 24.12.1987, p. 1).

▼**M3**

ANNESS Ia

Entrati msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1):

— *Bl-Ispanjol:*	Certificado válido durante cinco días hábiles
— *Biċ-Ċek:*	Licence platná pět pracovních dní
— *Bid-Daniż:*	Licens, der er gyldig i fem arbejdsdage
— *Bil-Ġermaniż:*	Fünf Arbeitstage gültige Lizenz
— *Bl-Estonjan:*	Litsents kehtib viis tööpäeva
— *Bil-Grieg:*	Πιστοποιητικό που ισχύει για πέντε εργάσιμες ημέρες
— *Bl-Ingliż:*	Licence valid for five working days
— *Bil-Franċiż:*	Certificat valable cinq jours ouvrables
— *Bit-Taljan:*	Titolo valido cinque giorni lavorativi
— *Bil-Latvjan:*	Licences derīguma termiņš ir piecas darba dienas
— *Bil-Litwen:*	Licencijos galioja penkias darbo dienas
— *Bl-Ungeriż:*	Öt munkanapig érvényes tanúsítvány
— *Bl-Olandiż:*	Certificaat met een geldigheidsduur van vijf werkdagen
— *Bil-Pollakk:*	Pozwolenie ważne pięć dni roboczych
— *Bil-Portugiż:*	Certificado de exportação válido durante cinco dias úteis
— *Bl-Islovakk:*	Licencia platí päť pracovných dní
— *Bl-Isloven:*	Dovoljenje velja 5 delovnih dni
— *Bil-Finlandiż:*	Todistus on voimassa viisi työpäivää
— *Bl-Iżvediż:*	Licensen är giltig fem arbetsdagar

▼**M4**

———————

▼B

ANNESS III

Ir-Regolamenti mħassra u l-emendi suċċessivi

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1370/95	(ĠU L 133, tas-17.6.1995, pġ. 9)
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2739/95	(ĠU L 285, tad-29.11.1995, pġ. 11)
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/96	(ĠU L 149, tat-22.6.1996, pġ. 17)
Ir-Regolament Tal-Kummissjoni (KE) Nru 2439/97	(ĠU L 339, ta' l-10.12.1997, pġ. 9)
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 540/98	(ĠU L 70, ta' l-10.3.1998, pġ. 6)
Ir-Regolament Tal-Kummissjoni (KE) Nru 1719/98	(ĠU L 215, ta' l-1.8.1998, pġ. 58)
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2399/1999	(ĠU L 290, tat-12.11.1999, pġ. 18)
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2000	(ĠU L 154, tas-27.6.2000, pġ. 14)
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2898/2000	(ĠU L 336, tat-30.12.2000, p. ġ 32)
Ir-Regolament Tal-Kummissjoni (KE) Nru 505/2002	(ĠU L 79, tat-22.3.2002, pġ. 9)

▼B

ANNESS IV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 1370/95	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
L-Artikolu 2	L-Artikolu 2
L-Artikolu 3(1), (2) u (3)	L-Artikolu 3(1), (2) u (3)
L-Artikolu 3(4), l-ewwel inċiż	L-Artikolu 3(4)(a)
L-Artikolu 3(4), it-tieni inċiż	L-Artikolu 3(4)(b)
L-Artikolu 3(4), it-tielet inċiż	L-Artikolu 3(4)(c)
L-Artikolu 3(5)	L-Artikolu 3(5)
L-Artikolu 3(6), l-ewwel sentenza u t-tieni sentenza,kliem introduttorju	L-Artikolu 3(6), l-ewwel sentenza u t-tieni sentenza,kliem introduttorju
L-Artikolu 3(6), l-ewwel inċiż	L-Artikolu 3(6)(a)
L-Artikolu 3(6), it-tieni inċiż	L-Artikolu 3(6)(b)
L-Artikolu 3(7)	L-Artikolu 3(7)
L-Artikolu 4, l-ewwel u t-tieni subparagrafi	L-Artikolu 4(1)
L-Artikolu 4, it-tielet subparagrafu	L-Artikolu 4(2)
L-Artikolu 5	L-Artikolu 5
L-Artikolu 6, l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 6(1)
L-Artikolu 6, it-tieni subparagrafu	L-Artikolu 6(2)
L-Artikolu 7(1)	L-Artikolu 7(1)
L-Artikolu 7(2), l-ewwel inċiż	L-Artikolu 7(2)(a)
L-Artikolu 7(2), it-tieni inċiż	L-Artikolu 7(2)(b)
L-Artikolu 7(2), it-tielet inċiż	L-Artikolu 7(2)(c)
L-Artikolu 7(2), ir-raba' inċiż	L-Artikolu 7(2)(d)
L-Artikolu 7(3)	L-Artikolu 7(3)
L-Artikolu 7(4)	L-Artikolu 7(4)
L-Artikolu 8	—
—	L-Artikolu 8
L-Artikolu 9	—
L-Artikolu 10	L-Artikolu 9
L-Anness I	L-Anness I
L-Anness II	L-Anness II
—	L-Anness III
—	L-Anness IV